# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 25 ta' April, 2018**

**Kawża Nru. 53**

**Rik. Nru. 558/16JRM**

**PALUMBO MALTA SHIPYARD LIMITED (C – 4893)**

vs

**ARGUS INSURANCE AGENCIES LIMITED (C – 597)** għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Samwel Pawney ai termini tal-polza tal-assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u ai termini tal-Liġi; u l-istess Samwel Pawney

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-11 ta' Lulju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (i) issib bla siwi, nulla u mingħajr effett id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fit-22 ta' April, 2016, fil-każ fl-ismijiet "*Argus Insurance Agencies Limited noe et vs Palumbo Shipyard Malta Limited*" (Talba Nru. 810/14AM) u tħassarha '*contrario imperio*' u dan minħabba l-irregolaritajiet proċedurali li l-istess kumpannija attriċi tgħid li seħħew sa ma ngħatat l-imsemmija deċiżjoni; u (ii)

tawtoriżżaha sabiex tingħata l-fakulta` li tressaq b'mod xieraq quddiem l-istess Tribunal il-provi kollha spettanti lilha skond il-liġi u tingħata smigħ xieraq tal-każ bi dritt, sabiex fl-atti ta' dak il-każ titħalla tressaq id-difiża xierqa tagħha u provi ġodda li saret taf bihom fl-aħħar żmien;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2016, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-31 ta' Awwissu, 2016, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu (a) li r-Rikors Maħluf ma jiswiex għaliex ma fihx dikjarazzjoni li min ħalfu jaf personalment il-fatti msemmija u dan bi ksur tal-artikoli 156 u 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) billi qalu li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa '*ratione materiae*' biex tħassar "*contrario imperio*" deċiżjoni finali mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, ladarba deċiżjoni bħal dik tista' titħassar biss fuq appell li jsir lil Qorti tat-tieni istanza fil-każijiet li l-liġi tagħti li jsir appell minn deċiżjoni bħal dik; (ċ) li ladarba l-kumpannija attriċi naqset li tappella mill-imsemmija deċiżjoni tat-Tribunal, illum hemm ġudikat li jorbot lill-istess kumpannija attriċi. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ilmenti tal-kumpannija attriċi dwar dawk li qieset bħala irregolaritajiet proċedurali ma humiex mistħoqqa u għalhekk it-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-30 ta' Novembru, 2016[1] li bih l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu, li kienu joqogħdu għal dak li joħroġ mill-atti tal-kawża u li ma kellhomx sottomissjonijiet x'jagħmlu dwar il-każ, u la bil-fomm u lanqas bil-miktub;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fit-18 ta' April, 2018[2], flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' deċiżjoni ta' Tribunal. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Palumbo") kienet tħarrket mill-imħarrkin tal-lum quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-Tribunal") b'rabta ma' ħsara li ġrat lill-karozza tal-imħarrek Pawney wara li sar '*sandblasting*' fit-tarzna mmexxija minn Palumbo. B'deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fit-22 ta' April, 2016, intlaqgħet it-talba ta' Argus u ta' Pawney u

[1] Paġ. 90 tal-proċess
[2] Paġġ. 97 – 8 tal-proċess

Palumbo kienet kundannata tħallas is-somma likwidata biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saret lill-karozza tal-assikurat Pawney. Il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Argus") għamlet tajjeb għall-ħsara li ġarrbet il-karozza tal-assikurat tagħha Pawney taħt il-polza ta' assikurazzjoni li kellu fis-seħħ. Palumbo tilmenta minn għadd ta' nuqqasijiet proċedurali li tgħid li seħħew hu u miexi l-każ quddiem it-Tribunal u trid li din il-Qorti tħassar "*contrario imperio*" (sic) dik id-deċiżjoni u tagħtiha l-jedd li tressaq il-provi quddiem it-Tribunal u ttella' dawk id-difiżi li tagħtiha l-liġi biex tikkontesta l-pretensjonijiet ta' Argus u Pawney;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu (a) li r-Rikors Maħluf ma jiswiex għaliex ma fihx dikjarazzjoni li min ħalfu jaf personalment il-fatti msemmija u dan bi ksur tal-artikoli 156 u 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) billi qalu li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa '*ratione materiae*' biex tħassar "*contrario imperio*" deċiżjoni finali mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, ladarba deċiżjoni bħal dik tista' titħassar biss fuq appell li jsir lil Qorti tat-tieni istanza fil-każijiet li l-liġi tagħti li jsir appell minn deċiżjoni bħal dik; u (ċ) li ladarba Palumbo naqset li tappella mill-imsemmija deċiżjoni tat-Tribunal, illum hemm ġudikat li jorbot lill-istess kumpannija attriċi. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ilmenti ta' Palumbo dwar dawk li qieset bħala irregolaritajiet proċedurali ma humiex mistħoqqa u għalhekk it-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu;

Illi l-partijiet ma ressqux provi ġodda u lanqas dehrilhom li kellhom jagħmlu sottomissjonijiet b'żieda ma' dawk li kienu saru fl-atti miktuba li biha nfetaħ dak l-istadju tal-kawża;

Illi minkejja qari b'reqqa tal-atti li ressqet Palumbo, il-Qorti ma setgħetx tagħraf jekk l-azzjoni ta' Palumbo hijiex waħda ta' ritrattazzjoni jew ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-aġir tat-Tribunal. Jibqa' l-fatt li l-għan tal-azzjoni attriċi (u li joħroġ miż-żewġ talbiet li ressqet) huwa dak li din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal u tagħti lil Palumbo l-fakulta` li tikkontesta t-talba u tressaq il-provi tagħha quddiem it-Tribunal. Palumbo tinqeda b'bosta kawżali li jġibu xebh bejn ċirkostanzi li l-liġi terfa' għall-każijiet ta' ritrattazzjoni – nuqqas ta' notifika, sejbien ta' provi dokumentali ġodda wara li tkun ingħatat deċiżjoni, nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali – u każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet ta' tribunali. Minħabba f'hekk, l-imħarrkin iqajmu eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi u, b'mod partikolari, tat-talbiet li saru;

Illi madankollu ġara li, waqt li l-Qorti kienet qiegħda tfassal is-sentenza u tindirizza kemm l-eċċezzjonijiet preliminari msemmija u kif ukoll il-konterstazzjoni fil-mertu, irriżultalha li Palumbo ħallset lil Argus somma li Argus tgħid tirrappreżenta s-"*sorte*" kanoniżżat mit-Tribunal fid-deċiżjoni attakkata b'din il-kawża flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż taxxati tal-każ.

Palumbo ma tat lill-Qorti l-ebda raġuni biex tfisser għaliex għamlet dak il-ħlas ladarba hija tabilħaqq tikkontesta d-deċiżjoni li ta t-Tribunal;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-effett ta' dak il-ħlas ifisser li Palumbo ma għadhiex tisħaq aktar fuq il-pretensjonijiet tagħha f'din il-kawża, sewwasew għaliex il-ħlas tal-ammont kanonizzat bid-deċiżjoni tat-Tribunal iġib fix-xejn l-ilmenti li l-istess kumpannija seta' kellha kontra s-siwi tal-imsemmija deċiżjoni u tat-talbiet li ressqet f'din il-kawża biex il-Qorti tħassarha;

Illi għalhekk, lil hinn minn dak li tqajjem mill-imħarrkin dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi u n-natura tal-ilmenti mressqin minn Palumbo, il-Qorti ssib li, bil-ħlas imwettaq matul iż-żmien li kienet qiegħda tinstema' l-kawża, Palumbo qatlet il-mertu tat-talbiet tagħha stess u wriet li jew ma għadx għandha interess dwarhom jew sa mill-bidu ma kinitx temmen fis-siwi tal-pretensjonijiet tagħha;

Illi, fiż-żewġ ċirkostanzi, dan iwassal lill-Qorti biex issib li l-imħarrkin ma jaħtu bl-ebda mod għall-azzjoni mibdija minn Palumbo u lanqas għal dak li Palumbo dehrilha li kellha tagħmel waqt li kienet miexja din il-kawża. Minħabba f'hekk, il-Qorti sejra ssib li Palumbo jmissha terfa' l-kap tal-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar iż-żewġ talbiet attriċi** ladarba l-mertu tagħhom ġie eżawrit bil-ħlas imwettaq mill-kumpannija attriċi matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja; u

**Tordna** li l-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**25 ta' April, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**25 ta'April, 2018**